## IĊ-ĊAGĦKA

*Ta'* Ġużè Borg

Diċ-ċagħka iebsa
Ġe' qiegħ idejja,
Taf minn fejn ġejja?
Mill-baħar, Pin;
Ilha titliegħeb
Mal-mewġiet sewwa,
U dawn ġarrewha
Għal bosta snin.

Ġe' qiegħ il-baħar,
Bint blata tqila
Fejn kienet ilha,
Rat bosta ħut;
Hemm ġriet u tgerbet
B'qawwiet il-baħar,
Li dan jiftaħar
Jagħleb ix-xtut!

Kemm rat fix-xefaq
Ġe' l-lvant ħamrani
Jidher bajdani
L-wiċċ kbir tax-xemx;
U sħab dehbieni
Imewweġ fl-ilma,
U jibqa' jilma
Jekk ma jintemmx.

Imbagħad id-dgħajjes
B'lenez u mtielaq,
Nases u ġwielaq
Għas-sajd sejrin;
Wara, s-sajjieda
Irġiel felħana,
Jaqdfu ferħana
Lura ġejjin.

Qatt ma rat mgħażqa,
Serrieq, inkwina,
Xifa, sikkina,
Jew xi lembut;
U lanqas kotba,
Arpi, kuluri,
Skriepel, muturi
Jew xi tebut.

Daqqa nġazzata,
Oħra mikwija,
Dejjem minsija,
Ma jfittxha ħadd;
Malli x-xemx tinżel
Minn fuq il-baħar,
Tidħak lill-qamar,
Minn ħdejn ix-xatt.

Taf lill-Feniċi,
'L Atene u Ruma,
Rathom maħkuma
Miż-żmien li mar;
Rat l-iġfien Torok
Jeħduha magħna,
W għad li setgħana,
Igħibu bħaċ-ċpar!

Ġnus taf bil-bosta—
Għorrief, għalliema,
Beżlin, ħakkiema
Li kienu żgħar;
Oħrajn taf ġwejjef,
Dgħajfin, biċċiera,
Jaqgħu ilsiera
Ta' oħrajn kbar.

Għalkemm il-bniedem
Ikun wisq xwejjaħ,
Din, lilu ssejjaħ
B'wieħed miż-żgħar;



Lil ħutha l-kwiekeb,
Ix-xemx u l-qamar,
L-ajru wil-baħar,
Biss tagħraf kbar.

'Ma ż-żmien għad jibdlek,
Ja ċagħka xiħa;
U għalkemm int sħiħa,
Ramel issir;
Fdalek jitħallat
Ma' ta' ċagħak ieħor,
Bħar-rmied ħaddieħor
Ma' fdali u l-ġir!

## WARDA MIDBIELA

*Ta'* C. Gauci

*Lill-maħbub Direttur ta' "Il-Malti"*
*Professur Dr. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H.*

Werqietek imdendlin, rasek imgħaddsa
Milwija tnejn, ħarstek lejn l-art mitfugħa;
Il-fwieħa minnek għebet, bdejt titfarfar
Spiċċat minn fuqek il-kburija... l-bluha.

Kemm kont sabiħa mita dħalt fil-ġnejna!
Rajtek fuq tiegħek u tgħaxxaqt b'kulurek;
Lilek għażilt minn kemm kien hemm miftuħa
Minn kollox tidher kont tisboq lil ħutek.

Ma ngħoddx kemm kienu dawk illi għoġobthom
Min fil-kulur, min fl-għamla, fil-kburija;
Ma' ful it-triq kulħadd idawwar ħarstu,
Għajnejh ipaxxi, jroddlok kull foħrija.

U issa x'baqa' minnek fjura mċajpra?
Kien żmien li kont iżżejjen xi vetrina;
Il-lum kulħadd iwarrbek, riħtek t'oqbra,
Mirfusa mis-saqajn taħt xi bankina.

Kemm tixbah warda 'l dik ix-xbejba mfarfra
Maqtugħa friska friska minn djul ommha;
Kulħadd jitpaxxa għall-bidu jħares lejha,
Jitgħaxxaq biha hekk kif tiftaħ fommha.

'Ma ż-żmien minn fuqha jgħaddi, u bħall-warda
Ħarsitha titfa' għall-art, tispiċċa l-bluha...
Mill-kulur tinża' w minnha tgħib il-fwieħa,
Jintilef dak il-ġmiel... titfaċċa l-kruha.